# Diskors ghat-tnedija tat-Titus Brandsma Circle
# 31 ta' Mejju 2013

Gheziez,

Merhba ghal din l-ewwel laqgha tat-*Titus Brandsma Circle*, holma li tnisslet sa mill-2009 mill-istudenti tal-kors tal-MA fl-Ispiritwalità Karmelitana u li minkejja diversi tentattivi, jidher li issa waslet is-siegha li Alla ghazel biex din il-holma ssir realtà. U din hija grazzja ghaliex dak li l-aktar huwa mportanti ghalina hu li nkunu fis-siegha ta' Alla halli dak kollu li naghmlu qatt ma jdur maghna, imma jibqa' jdur ma' Alla. It-twaqqif ta' dan ic-cirkolu li l-ghan tieghu huwa spazju ghall-istudju kontemplattiv tal-mistici, huwa tessera ckejkna ohra li qeghdha tikkomponi il-muzajk li Alla qieghed jahdem madwar il-Karmnu tal-Imdina. Dan il-post huwa paradossalment fil-qalba daqskemm hu fit-tarf, fil-periferija.

Kull min jafni xi ftit, xi darba jew ohra forsi induna kemm l-ispiritwalità tal-periferija, li nkunu fit-tarf u mhux fil-qalba tas-socjetà u tal-istituzzjoni ekklezjastika hija ghal qalbi. F'dinja li timbuttana l-hin kollu nkunu fil-qalba u nperrcu wiccna quddiem kulhadd, li nilqghu is-sejha u li nircievu l-grazzja li nkunu fit-tarf, huwa sinjal profetiku. Ghax min hu tassew fit-tarf, il barra mic-cirku, maqtugh mill-bqija, jista' jara tassew ir-realtà kif inhi, u l-vizjoni tieghu titwahhad mal-vizjoni ta' Alla hekk li joffri spazji biex ir-rieda ta' Alla ssehh b'risq il-bnedmin.

Ghalina li nghixu fil-Karmnu tal-Imdina din hija realtà li kienet ghal qalbna fil-mixja spiritwali taghna - il-hajja mohbija ma' Kristu f'Alla, kif iqeghdha San Pawl - u kien car f'mohhna li dak kollu li jsir fil-Karmnu tal-Mdina jrid ikollu dan it-timbru spiritwali. Diversi huma l-kurrenti u t-tentazzjonijiet sbieh li persuni u attivitajiet u progetti jduru maghna, mal-persuna taghna, tentazzjonijiet li jigu minn persuni li huma midhla tal-Karmnu tal-Imdina u tal-attivitajiet li jsiru hawn. Jekk dan isehh il-hidma ma tibqax ta' Alla, issir taghna, u hekk kif ahna nghaddu, kollox jghaddi maghna. Ghaldaqstant nitlobkom biex dan li qed jinbeda llum, idur u jistrieh biss fuq Alla mhux fuq il-persuni. Ejjew nistudjaw il-mistici fi spirtu kontemplattiv halli ahna wkoll naslu ghall-ghaqda ma Alla li tittrasforma lilna u l-ambjenti ta' madwarna.

Din il-gimgha kien ta' sodisfazzjon spiritwali li nisimghu lill-QT il-Papa Frangisku jghidilna li mill-periferija ezistenzjali, mit-tarf, il barra mic-cirku wiehed jara r-realtà kif tassew hi. Dan il-kliem fakkarna f'dak l-istess messagg li l-QT il-Papa Benedittu kien tenna lill-monaci Kartuzjani f' Serra San Bruno li mit-tarf, mill-periferija huma jinsabu fil-qalba tal-Knisja. Iz-zewg papiet gabru flimkien zewgt' itruf:

1) lil dawk li jinsabu fit-tarf tal-Knisja u tas-socjetà u li qeghdin ifittxu lil Alla imma mhux isibuh fl-istrutturi istituzzjonali tal-Knisja;
2) lil dawk li bi spirtu kontemplattiv jaghzlu minn rajhom li jittarfu. Meta dawn iz-zewgt' itruf jiltaqghu tinbet qalba, centru, li madwaru tinbet hajja gdida. U dan huwa dak li nhossu li qed jigri hawn f'dan l-ispazju vojt, fragli, limitat u liminali li hu l-Karmnu tal-Imdina.

L-ispirazzjoni wara din l-inizjattiva ta' cirku ta' nies li jistudjaw il-mistici ssib l-gheruq taghha fl-esperjenza tas-Salon Madame Acarie tas-seklu 17. Din il-mara nobbli, fi zmien ta' caqlieq u insigurtajiet socjali, morali, spiritwali, fi zmien meta l-Knisja wkoll kienet fi krizi, bhalma hi l-Knisja fi zmienna, ghamlet xi haga semplici: bdiet tlaqqa' fis-salott taghha grupp ta' nies devoti biex flimkien jaqraw il-mistici. Minn dan ic-cirku splodiet il-maghrufa invazjoni mistika li ttrasformat is-socjetà u l-Knisja fi Franza. Mme Acarie nnifisha saret Karmelitana bl-isem ta' Marija tal-Inkarnazzjoni, Gwanni ta' San Sansun sar il-qalba tat-tigdid fil-Karmelu Franciz billi hu wkoll holoq cirku ckejken fi Place Maubert man-novizzi Karmelitani u minnu nibet il-moviment ta' Touraine li l-ispirtu tieghu baqa' shih sal-Koncilju Vatikan II, Frangisk de Sales gedded id-djocesijiet fejn kien u rebah il-qlub ta' hafna lejn Kristu u l-Knisja, André Duval mexxa t-tigdid spiritwali fis-Sorbonne, u l-bqija...

Ahna ma ahniex naraw kbir u ma ghandna l-ebda prestensjoni ta' riformi. Ix-xewqa li jitwaqqaf dan ic-cirku bdiet minnkom li tigu l-Karmnu tal-Imdina ghax qeghdin tfittxu taqtghu l-ghatx li hemm f'qalbkom. Din ix-xewqa hija wkoll sintomu ta' nuqqas ta' sodisfazzjon interjuri ta' min qed ifittex fil-Knisja u mhux isib ikel solidu li jmantni l-hajja spiritwali frott li ghadna Knisja mghobbija u msallba bil-piz ta' hafna hwejjeg tajbin, imma sekondarji li mhux ihalluna mmorru ghall-essenzjal. Sfortunatament hafna qed ihabbtu bibien ohra f'setet u religjonijiet ohra biex jaqtghu l-ghatx interjuri. Ghaldaqstant inhoss li t-twaqqif ta' dan ic-cirku huwa gest profetiku.

Ahna hawnhekk ma ghandna xejn x'noffru hlief l-ispazju fiziku u spiritwali biex nilqghu lill-bnedmin ta'rieda tajba, noholqu spazju biex napprezzaw u nistudjaw il-mistici. Min qed ifittex hwejjeg ohra minn dan il-post ghadu ma fehemx x'qed jigri hawnhekk.

Jalla dan li se jibda' llum jghinna lkoll nidhlu fil-profond tal-mixja taghna wara Kristu lejn Alla.